MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 670/2007

**Mary Ciantar (bil-Karta tal-Identita` Numru 509242M).**

**vs.**

**Ladislao Giuseppe u Claire, konjugi Micolucci (bil-Karta tal-Identita` Numru 19025A u 278474M rispettivament) u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2009 gew nominati Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati ta' binthom Sonia Micolucci (bil-Karta tal-Identita` Taljana Numru AH2872006).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mary Ciantar datat 20 ta' Gunju 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti-attrici kriet il-hanut immarkat bin-numru 33 fi Triq iz-Zaghfran, Attard lill-intimati-konvenuti, ilkoll flimkien

u solidalment bejniethom, permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat 20 ta' Frar 2006 (Dok. “A”).

Illi dan il-fond gie mikri mir-rikorrenti attrici lill-intimati konvenuti ghall-perjodu ta' disa' (9) snin b'effett mis-6 ta' Marzu 2006, minn liema perjodu l-ewwel sentejn huma *di fermo* waqt li r-rimanenti seba' (7) snin huma *di rispetto*.

Illi matul l-ewwel tliet (3) snin tal-kirja, u ghalhekk matul l-ewwel sentejn *di fermo*, il-kera pattwita kienet ta' sittax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm16.50) kull jum, inkluz ukoll il-Hdud u Festi Pubblici, pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem fis-6 ta' Marzu, 6 ta' Gunju, 6 ta' Settembru u 6 ta' Dicembru ta' kull sena.

Illi l-intimati konvenuti hallsu lir-rikorrenti attrici ghall-ewwel zewg skadenzi ta' kera u cioe' ghall-perjodu mis-6 ta' Marzu 2006 sal-5 ta' Gunju 2006, u mis-6 ta' Gunju 2006 sal-5 ta' Settembru 2006, izda mbaghad ma baqghux ihallsu l-kera, ghalqu l-hanut in kwistjoni u huma moruzi fil-hlas ta' erba' (4) skadenzi ta' kera u cioe' ghall-iskadenza mis-6 ta' Settembru 2006 sal-5 ta' Dicembru 2006; mis-6 ta' Dicembru 2006 sal-5 ta' Marzu 2007; mis-6 ta' Marzu 2007 sal-5 ta' Gunju 2007; u mis-6 ta' Gunju 2007 sal-5 ta' Settembru 2007.

Illi l-ammont dovut mill-intimati konvenuti lir-rikorrenti attrici ghal ‘l fuq imsemmija erba' (4) skadenzi ta' kera jammonta ghal sitt elef u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,022.50).

Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammonti minnhom dovuti ghall-iskadenzi ta' kera fuq imsemmija, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta’ Dicembru 2006 l-intimati konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-procedura.

Illi d-dejn li ghandhom l-intimati-konvenuti mar-rikorrenti attrici fis-somma ta' sitt elef u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,022.50) huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni

x'jissollevaw kontra t-talba li qed taghmel kontra taghhom ir-rikorrenti attrici permezz ta' dan ir-rikors mahluf.

Illi ghaldaqstant jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti bil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti attrici talbet lill-intimati konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-**artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Tiddikjara illi l-intimati-konvenuti ghandhom jaghtu lir-rikorrenti attrici s-somma ta' sitt elef u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,022.50) rapprezentanti l-hlas minnhom dovut ghal erba' skadenzi ta' kera u cioe' ghall-iskadenza mis-6 ta' Settembru 2006 sal-5 ta' Dicembru 2006; mis-6 ta' Dicembru 2006 sal-5 ta' Marzu 2007; mis-6 ta' Marzu 2007 sal-5 ta' Gunju 2007; u mis-6 ta' Gunju 2007 sal-5 ta' Settembru 2007 fir-rigward tal-hanut bin-numru 33 fi Triq iz-Zaghfran, Attard minnhom mikri minghand ir-rikorrenti attrici; u

3. Tikkundanna lill-intimati konvenuti sabiex ihallsu lir-rikorrenti attrici s-somma ta' sitt elef u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,022.50).

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2006 u bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti annessi tar-rikorrenti a fol. 3 sa fol 9 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-11 ta' Lulju 2007.

Rat il-verbali tas-seduti nkluza dik datata 7 ta’ Mejju 2008 fejn dehru Dr. Chris Cilia ghall-attrici u Dr. Edward De Bono ghall-konvenuti Ladislao Giuseppe u Claire Micolucci, li informa l-Qorti li binthom il-konvenuta l-ohra tinsab imsiefra u la ma jafux l-indirizz taghha. Dr. Debono ddikjara li l-konvenuti l-konjugi Micolocci m’ghandhom jaghtu xejn *stante* li huma hallsu l-kera fit-8 ta’ Gunju 2006 ghall-perjodu bejn is-6 ta’ Gunju 2006 sas-6 ta’ Settembru 2006 u fil-5 ta’ Settembru 2006 ghaddew ic-cavetta lill-attrici u kien biss fil-11 ta’ Settembru 2006 li l-attrici kitbet li kienu rcecew il-kera bla pregudizzju, u dan apparti li skond artikolu 14 tal-iskrittura ta’ lokazzjoni l-attrici kellha biss dritt ghall-arretrati ta’ kera; sostnew ukoll li m’hemmx solidarjeta’ bejn il-konvenuti, u in vista ta’ dan, il-Qorti ordnat lill-istess konvenuti sabiex jesebixxu d-dokumenti relattivi fiz-zmien 10 t’ijiem, b’dan li l-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenuta l-ohra  ghall-25 ta’ Gunju 2008.

Rat in-nota tal-attur Ladislao Micolucci datata 8 ta’ Mejju 2008 fejn esebixxa kopji tar-ricevuti tal-kera imhallsa mill-intimati sas-6 ta’ Settembru 2006, u l-ittra mill-Av. Dr. Chris Cilia datata 11 ta’ Settembru 2006 minn Dok. “ED1” sa Dok. “ED3”.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2008 fejn il-Qorti awtorizzat lill-konvenuti l-konjugi Ladislao u Claire Micolocci sabiex jipprezentaw risposta guramentata ghaliex ippruvaw *prima facie* li ghandhom eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba attrici u dan kellu jsir fi zmien 20 gurnata mid-data tas-seduta.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Ladislao Giuseppe u Claire konjugi Micolucci datata 25 ta’ Gunju 2008 a fol 30 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-kirja in kwistjoni giet terminata mis-sid fil-5 ta' Settembru 2006.

2. Illi l-konvenuti *ai termini* ta' klawzola (14) tal-istess kirja rritornaw ic-cwievet tal-fond lis-sid bil-kunsens u bl-approvazzjoni taghha biex b'hekk l-ebda kera futura mhux

utilizzata mill-inkwilini ghandha tigi moghtija lill-attrici *stante* li skont l-istess klawzola (14) is-sid *"kellu dritt li jitlob l- arretrati tal-kera li jistghu jkunu dovuti"* u mhux il-kera futura.

3. Illi bir-ritorn lura tac-cwievet saret it-terminazzjoni tal-lokazzjoni u ghalhekk dak li qed tippretendi s-sid ossija li tithallas il-kera ghall-perjodu bejn is-6 ta' Settembru 2006 sas-6 ta' Marzu 2008 *stante* li l-proprjeta' in kwistjoni giet lura fil-pussess shih taghha, kienet ta' uzu esklussiv ghaliha u ghalhekk xejn mhu dovut mill-intimati lill-atturi ghax bit-terminazzjoni tal-lokazzjoni spiccaw l-obbligi li l-attrici tippretendi li ghandha fuq il-fond in kwistjoni.

4. Illi l-intimati m'ghandhomx ihallsu kera ta' post ghall-perjodu li ma kienx fil-pussess taghhom ghax b'hekk l-attrici tkun qed taghmel arrikkiment in debitu galadarba skont l-istess skrittura ta' lokazzjoni hija ftehmet mal-intimati illi f'nuqqas ta' hlas ta' tliet pagamenti jew aktar huma ghandhom ihallsu biss l-arretrati tal-kera dovuta u mhux tal-kera futura.

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, barra minn hekk huma m'ghandhomx ikunu responsabbli solidalment bejniethom ghall-hlas ta' kera li talvolta jista' jkun dovut minn bint Ladislao Micolucci ossija Sonia Micolucci li ghandha fi kwalunkwe kaz tkun responsabbli ghal nofs tal-ammont rikjest mill-attrici galadarba d-dejn li talvolta jista' jkun dovut jappartjeni ghal nofs indiviz lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn Ladislao u Claire Micolucci u n-nofs l-iehor lil Sonia Micolucci.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 31 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 2 ta’ Dicembru 2008 fejn giet prezentata nota datata 10 ta’ Novembru 2008 fejn Claire Micolucci ddikjarat li dwar Sonia Micolucci ddikjarat kollox il-Qorti (fol. 34).

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2008 fejn *inter alia* Dr. Edward DeBono ghall-konvenuti l-konjugi Micolucci ddikjara li l-klijenti tieghu m'ghandhomx indirizz fejn toqghod binthom il-konvenuta l-ohra u ghalhekk il-kawza thalliet sabiex l-attrici tirregola ruhha, kemm in vista tad-dikjarazzjonijiet maghmula u kif ukoll in vista tal-fatt li Sonia Micolucci ma kinitx tghix Malta, u l-kawza giet differita ghall-5 ta' Marzu 2009.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 11 ta' Frar 2009 a fol 39 fejn l-attrici talbet lill-Qorti tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-imsemmija konvenuta Sonia Micolucci f'din il-kawza u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u dan salv kull ordni jew provvediment iehor li jidhrilha iktar xieraq u opportun; u l-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi, kif jidher bid-digriet moghti fit-12 ta' Marzu 2009 a fol  46 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju 2009 fejn Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur tal-assenti Sonia Micolucci ddikjara li huwa jaderixxi ruhu mal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra u l-Qorti b'digriet appositu ordnat li l-partijiet jipprezentaw l-affidavits fit-termini hemm moghtija u l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni ghat-28 ta' Ottubru 2009.

Rat in-nota tal-konvenuti Giuseppe Ladislao u Claire Micolucci datata 7 ta' Lulju 2009 fejn ipprezentaw l-affidavits taghhom b'diversi dokumenti (fol. 49 sa sol. 58).

Rat in-nota attrici datata 29 ta' Settembru 2009 li biha gie pprezentat l-affidavit ta' Victor Ciantar, ir-ragel tal-attrici (fol. 61).

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2009 fejn gie verbalizzat li d-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-hanut in kwistjoni ghadda fil-pussess tal-attrici b'effett mill-4 ta' Settembru 2006 u mhux kontestata l-esistenza tal-iskrittura.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-16 ta' Frar 2010 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Edward DeBono ghall-konvenuti l-konjugi Micolucci, Dr. Maria Azzopardi ghall-attrici u Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur tal-assenti Sonia Micolucci. Xehdu Mary Ciantar u Claire Micolucci. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed. Id-difensuri trattaw l-kaz u talbu jaghmlu nota ta' referenza. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lil kull parti ghal tali nota ta' referenzi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2010.

Rat in-nota ta' referenzi tal-attrici Mary Ciantar datata 2 ta Marzu 2010.

Rat in-nota ta' riferenzi ta' Ladislao Micolucci et datata 3 ta' Marzu 2010.

Rat id-digriet tal-15 ta' April 2010 fejn il-Qorti ordnat ir-rikjam tal-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-27 ta' April 2010 .

Rat li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-patrocinati taghhom rispettivi bid-digriet tar-rikjam tal-kawza ghas-27 ta' April 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob lill konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu l-ammont ta' Lm6,022.50 ghall hlas ta' kera ghall-erba' skadenzi ta' kera li ghalqu fis-6 ta' Settembru 2006, 6 ta' Dicembru

2006, 6 ta’ Marzu 2007, u 6 ta’ Gunju 2007 ghall-hanut bin-numru 33, Triq iz-Zaghfran, Attard, li huma allegaw li kien mikri ghall-dak il-perjodu lill-konvenuti skont skrittura datata 20 ta’ Frar 2006 (Dok. “A”).

Illi l-intimati eccepew li l-ammont rikjest mhux dovut peress li c-cwievet tal-fond gew ritornati lill-attrici fil-5 ta’ Settembru 2006, u ghalhekk b’effett tal-istess accettazzjoni tac-cwievet, l-istess kirja giet terminata, u ghalhekk l-unika ammont li jista’ jkun talvolta dovut skont l-artikolu 14 tal-istess skrittura privata datata 20 ta’ Frar 2006, huma arretrati ta’ kera, u la darba ma hemmx arretrati dovuti ghaliex il-kera thallset sal-gurnata meta l-konvenuti okkupaw il-post, mela allura t-talba attrici ghandha tigi michuda; eccepew ukoll li s-solidarjeta’ ma tapplikax ghaliex jekk talvolta huwa dovut xi ammont dan huwa dovut minn Sonia Micolucci.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li premezz ta’ skrittura privata datata 20 ta’ Frar 2006 fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia (Dok. “A”) Ladislao Giuseppe Micolucci, martu Claire Micolucci u t-tifla Sonia Micolucci krew minghand l-attrici fond Numru 33, Triq Zaghfran, Attard, b’effett mis-6 ta’ Marzu 2006. L-ewwel sentejn kienu *di fermo* u l-hlas, ghall-ewwel sentejn, kellu jkun ta’ Lm16.50 kull jum. Il-partijiet qablu li l-kera giet imhallsa sas-6 ta’ Settembru 2006. L-attrici fix-xhieda taghha viva voce tas-16 ta’ Frar 2010 tikkonferma li l-ircevuti esebiti mill-konvenuti mmarkati bhala Dok. “B1” sa “B3” (a fol 54 et seq) huma effettivament ircevuti tal-hlas tal-kera in kwistjoni sas-6 ta’ Settembru 2006.

Illi jirrizulta li f’Awissu tal-2006 l-konvenuta Sonia Micolucci marret l-Italja ghall-vaganzi izda qatt ma giet lura biex tahdem fil-hanut. Ir-ragel tal-attrici jghid fl-affidavit tieghu li l-konvenuta kienet qaltlu li x-xoghol kien sejjer hazin u ghalhekk ma setghetx tkompli tikri minghand l-attrici. Il-konvenuta Claire Micolucci tikkonferma (xhieda 16 ta’ Frar 2010) li x-xoghol kien sejjer hazin u li t-tifla taghha, l-konvenuta l-ohra, ma kinetx giet lura mill-Italja. Hija tghid, *“jiena cempiltilha (lill-attrici) ghedtilha li t-tifla kienet telqet, jien ma kontx naf x’ser*

*naqbad naghmel, tkellimna u ghedna niltaqghu l-hanut; iltqajna l-hanut, talbitni c-cavetta u jien tajthiela…”.* Il-konvenuta tghid li kienu ltaqghu biex hija tispjega s-sitwazzjoni izda tghid ukoll li l-attrici *‘talbithieli c-cavetta…qaltli “ghax mhux qed niggennen u inhallilek ic-cavetta u l-hanut maghluq!” U jiena tajthiela”.* Illi l-istess konvenuta kompliet tghid li:-

*“ghax qaltli “la mintix ha tkompli qaltli tini c-cavetta”. Ghalija waqa’ l-kuntratt imma la talbitni c-cavetta”.*

*“Le x’hin tajtha c-cavetta hadt l-affarijiet; ghaliex qaltli “hudhomli issa”. Lanqas tatni cans li mmur l-ghada! Qaltli issa – fl-ghaxra u nofs ta’ bil-lejl kellhom jigu bil-van biex inehhi l-affarijiet minn hemm gew”.*

Illi ma hemm l-ebda dudju li mill-pprovi jirrizulta li l-konvenuti rritornaw ic-cwievet lill-attrici fl-4 ta’ Settembru 2006. Fil-fatt l-attrici fix-xhieda taghha tas-16 ta’ Frar 2010 tikkonferma li wara dik id-data hija kienet irceviet il-*cash register* minghand il-konvenuta Claire Micolucci, u dan peress li l-istess konvenuti kienu zammew il-*cash register*, sabiex jiehduh id-Dipartiment tal-VAT sabiex jigi kkancellat in-numru taghhom minn fuqu.

Illi l-attrici tghid li l-konvenuta qaltilha li ma setghux ikomplu bil-kera ghaliex il-komputista taghhom kien qalilhom li kienu sejrin hazin. Illi fil-fatt jirrizulta li wara ltaqghu sabiex il-konvenuti jghaddu c-cwievet lill-attrici u fil-fatt hekk sar. L-attrici tghid li hija ma qaltilhom xejn lill-konvenuti meta tawha c-cwievet u dan ghaliex *“hi kienet gja cemplitli qabel li ma jistghux ikomplu……”.* Illi wara dan, kif gja inghad fit-13 ta’ Settembru 2006 l-konvenuti rritornaw il-*cash register* u l-attrici ffirmat ukoll ricevuta ghall-istess (Dok. “A1”).

Illi sussegwentement fil-11 ta’ Settembru 2006, l-attrici permezz tal-avukat taghha Dr. Chris Cilia kitbet lill-konvenuti konjugi Micolucci biex tghidilhom li hija accettat ic-cviewet “assolutament minghajr ebda pregudizzju” ghad-drittijiet li jista’ ikollha.

Illi huwa car li l-pern tal-kwistjoni hija dwar jekk bl-accettazzjoni tac-cwievet tal-hanut *da parte* tal-attrici iffisirx li b'hekk hija rrinunzjat ghad-dritt li kellha li titlob il-kera stipulata *di fermo* u b'dan li kien hemm terminazzjoni ta' kera.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li huwa sinifikanti li jinghad li l-kuntratt ta' kera huwa dak li bih wiehed mill-partijiet jintrabat li jaghti lill-ohra t-tgawdija ta' haga, ghall zmien miftiehem, u b'kera miftiehma, li din il-parti tintrabat li thallas lilha (**artikolu 1526 tal-Kap. 16).**

Illi f'dan il-kaz l-attrici tat lill-konvenuti odjerni l-fond indikat fl-iskrittura ta' lokazzjoni datata 20 ta' Frar 2006 u dan ghal zmien ta' sentejn *di fermo* b'effett mis-6 ta' Marzu 2006, u ghal seba' (7) snin *di rispetto* u dan verso l-kondizzjonijiet u pattijiet indikati fl-istess skrittura. Illi l-istess kirja saret bil-mobbli li kien hemm fiha skont klawsola 9 tal-istess kuntratt u l-oggetti kienu elenkati bhala Dok. "A" annessi mal-istess skrittura (fol. 9). Illi apparti f'kundizzjonijiet ohra, nkluz l-l-artikolu 14 li ghalih jaghmlu riferenza l-konvenuti, hemm ukoll l-artikolu 17 li jghid li *"fi tmiem il-kirja c-cwievet ghandhom jigu kkonsenjati lis-sid".*

Illi dwar il-kuncett ta' rinunzja ssir riferenza ghad-decizjoni **– "Anthony Scerri v Anthony Cutajar et"** (A.I.C. (PS) - 16 ta' Marzu 2005) fejn gew elenkati l-elementi necessarji stabbiliti fil-gurisprudenza dwar ir-rinunzja ta' dritt, u konsistenti ma' dan inghad li:-

(1) "*La rinunzia ad un diritto, perche' si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressioni generiche*". (**Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154**).

(2) "*Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s' intenda rimesso quanto meno sia possibile*" (**"Sciberras -vs- Giappone**, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Ottubru 1840)".

(3) *“Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar-rinunzjant” - “**Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg**”, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta’ Novembru 1986.*

(4) *“In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta’ l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut l-att” (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**).*

Illi applikati ghall-fattispecie tal-kaz in ezami jirrizulta li l-iktar l-iktar bejn iz-z-zewg versjonijiet tal-partijiet dwar ir-rinunzja tad-dritt ghall-hlas skont il-kuntratt jista’ jinghad li hemm dik tal-attrici fejn hija tghid li kienu l-konvenuti li riedu u fil-fatt tawha c-cavetta, u dik tal-konvenuti fejn huma jghidu li kienu l-attrici li talbithom ic-cavetta.

Illi din il-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi jirrizulta car li l-konvenuti kienu cemplu lill-attrici sabiex jghidula li huma ma kienux setghu ikomplu bil-kirja, u fil-fatt sar appuntament sabiex jiltaqghu fuq il-post, u jirrizulta li l-iskop kien sabiex il-partijiet prezenti jitkellmu u sabiex tghaddi din ic-cavetta tal-post minghand il-konvenuti lill-attrici, tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici kienet konxja, kemm ta’ dak li kienet gja qaltilha l-konvenuta, u kif ukoll il-post kien qed jinzamm maghluq, u jirrizulta li l-konvenuti hadu, jew dak in-nhar, jew qabel, l-oggetti li kienu taghhom mill-istess fond, hlief ghall-*cash register*, u li l-attrici effettivament accettaw ic-cavetta tal-istess fond, minghajr ebda riserva kwalunkwe. Jidher li l-attrici kienet konxja ta’ dan kollu, tant li ppruvat tirrimedja ghal dan bl-ittra tal-11 ta’ Settembru 2006, li biha qalet li hija rceviet l-istess cwievet “minghajr pregudizzju”, u wara l-istess ittra hija rceviet il-*cash register* fit-13 ta’ Settembru 2006.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li bl-accettazzjoni tac-cwievet tal-fond mill-konvenuti, l-attrici accettat lura l-pussess tal-istess fond, u dan l-att ifisser li hija rrinunzjat ghad-dritt li tinsisti li l-kera tissokta ghall-perjodu *di fermo*, u b’hekk dan l-att wassal ghall-

terminazzjoni tal-kirja. Il-fatt li l-kera hija korrispettiva ghall-uzu ta’ haga, u l-fatt li allura b’dan l-att, il-post suggett ghal-lokazzjoni gie ritornat lis-sid bla ebda riserva, ifisser li ma jissusstix izjed id-dritt ta’ pagament, ghaliex f’dan il-kaz l-accettazzjoni u t-tehid lura tal-post minghand l-inkwilin, u s-sussegwenti talba ghall-pagament ta’ kera, huma nkonsistenti ma’ xulxin; persuna ma tistax titlob hlas ta’ kera ta’ fond, li hija accettat li tiehu lura, u l-accettazzjoni tac-cwievet tal-fond tfisser proprju dan. Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-agir tal-attrici, li accettat ic-cwievet minghand il-konvenuti ghall-fond *de quo* ma jistax hlief iwassal ghat-terminazzjoni tal-kirja.

Illi dan qed jinghad fil-kuntest tal-fatt, li l-attrici kellha ghazla libera, jekk taccettax jew le l-istess cwievet; tant li setghet liberalment irrifjutathom, haga li ma ghamlitx, izda minn naha l-ohra ma tistax taccetta li tiehu l-fond lura, u fl-istess hin tippretendi li tithallas minghand il-konvenuti ghall- uzu ta’ fond ghal zmien li jigi wara li hija accettat ic-cwievet tal-istess minghandhom, u allura taf li l-pussess attwali tal-istess fond jinsab ghandha u mhux ghandhom. Dan il-kaz jiddistingwi ruhu minn dak ta’ **“Emmanuel Cauchi et vs BCF Holding Limited et”** (P.A. (RCP) - 28 ta’ Gunju 2006) peress li f’dak il-kaz ic-cwievet gew depositati l-Qorti, proprju ghaliex is-sidien f’dak il-kaz ma accettawx l-istess.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat a sodisfazzjon tal-Qorti u fil-grad li trid il-ligi li bl-azzjoni bilaterali tal-partijiet, u dan billi ghaddew ic-cwievet tal-fond *de quo* minghand il-konvenuti ghal ghand l-attrici, nkluz il-fatt li l-istess attrici accettat l-istess minghajr ebda kundizzjoni, dan iwassal ghat-terminazzjoni tal-kirja, u ghar-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet ta’ lokazzjoni fuq l-istess fond, u wkoll ghar-rinunzja *da parte* tal-attrici ta’ kull dritt li seta` kellha sabiex tinsisti fuq l-kontinwazzjoni ta’ kera *di fermo,* haga li ma ghamlitx, b’dan li l-att taghha li tircievi c-cwievet huwa ghal kollox inkonsistenzi mal-premessa ta’ ezistenza ta’ relazzjoni ulterjuri ta’ kera. Dan huwa konsistenti anke in vista ta’ dak kontenut fl-istess skrittura fejn jidher car li l-konsenja tac-cwievet lis-sid tekwivali ghal terminazzjoni tal-kirja u dan johrog ukoll mill-artikolu

17 tal-istess. Huwa wkoll konsistenti ma' dak ritenut fis-sentenza **"Antonio Cafania vs Ronaldo Zahra"** (A.C. – 20 ta' Frar 1953) fejn inghad li l-konsenja tac-cwievet tal-fond tfisser il-konsenja tal-fond stess, b'dan li dan l-att jaghti titolu u dritt li jagixxi lill-possessur tal-istess fond.

Illi f'dan jista' wkoll jinghad li f'dan l-isfond ladarba l-konvenuti rritornaw ic-cwievet tal-fond lis-sid bil-kunsens u bl-approvazzjoni taghha, jirrizulta li l-istess attrici ma hijiex intitolata ghall-ebda kera wara z-zmien li hija hadet konsenja tal-istess post, ghaliex l-istess fond ma giex utilizzat mill-konvenuti u lanqas kien izjed fil-pussess taghhom. Jinghad f'dan il-kuntest li l-ittra li hija baghtet lill-konvenuti fil-11 ta' Settembru 2006, fejn hija zammet ic-cwievet tal-istess fond minghajr pregudizzju, ma tistax tbiddel dak li hija stess kienet ghamlet qabel, ghaliex meta hija accettat ic-cavetta jew cwievet tal-fond *de quo* hija ghamlet dan bla ebda riserva jew kondizzjoni, b'dan li l-ittra hija f'dan is-sens tentattiv minn naha tal-attrici sabiex tirrimedja ghall-effetti tal-agir taghha, haga li fil-mument tal-ispedizzjoni ta' l-ittra kien tard wisq li jsir. Tali riserva kellha *se mai* issir kontestwalment mal-accettazzjoni tac-cavetta, izda jidher car li c-cavetta tal-fond *de quo* giet accettata bla ebda kondizzjoni, u allura l-fatt li l-attrici hadet il-pussess tal-fond ghandha l-effett naturali taghha, u cjoe' li jittermina l-istess kirja.

Illi dan iwassal sabiex tigi michuda t-talba attrici fuq il-bazi ta' dak hawn premess, u allura l-hames eccezzjoni hija ghal kollox akkademika, anke jekk f'dan il-kaz din l-eccezzjoni hija bla bazi ghaliex it-termini tal-kuntratt bejn il-partijiet kien maghmul b'mod differenti fis-sens li s-solidarjeta' bejn il-konvenuti hija espressa fl-istess skrittura privata u allura jezistu l-elementi ndikati wkoll fis-sentenza **"Primrose Poultry Products Limited vs Joseph Balzan u Koperattiva tat-Tjur Ltd"** (A.I.C. (PS) - 12 ta' Dicembru, 2008), fejn huwa kkonfermat il-principju li fil-kamp civili s-solidarjeta' mhix presunta, u fil-fatt f'dan il-kaz hija espressa fl-iskrittura tal-20 ta' Frar 2006, u jezistu l-presupposti sabiex din issehh u cjoe':-

(a) pluralita` ta' soggetti fir-rapport negozjali;

(b) *“l-idem debitum”*, jew l-istess identika prestazzjoni diretta ghas-sodisfaciment tal-istess interess kreditorju. Dan avolja wiehed mid-debituri jista’ jkun obbligat xort’ohra mill-ohrajn ghal hlas ta’ l-istess haga **(artikolu 1095, Kodici Civili).**

(c) *“l-eadem causa obligandi”* ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b’mod li kull wiehed minnhom jista’ jigi kostrett ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn *di fronte* ghall-kreditur **(artikolu 1094, Kodici Civili).** F’dan il-kaz il-kreditur jista’ jdur kontra min irid mid-debituri *in solidum* minghajr ma d-debitur hekk maghzul ikun jista’ jopponi l-beneficcju tal-qsim ta’ l-obbligazzjoni **(artikolu 1096, Kodici Civili).**

Illi fil-kuntest li t-talba attrici giet michuda ghar-ragunijiet hawn indikati, il-Qorti hija tal-fehma, ghall-kompletezza, li tghid li f’dan il-kaz kienu jezistu l-kundizzjonijiet necessarji sabiex issehh obbligazzjoni solidali, u allura l-hames eccezzjoni ma setghetx tintlaqa’.

Illi ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuti, u tilqa’ l-ecccezzjonijiet taghhom l-ohra biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, tichad it-talba attrici ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuti, li gew adottati wkoll mill-kuraturi deputati li qed jidhru ghall-assenti Sonia Micolucci u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 2009, izda **tilqa’ l-ecccezzjonijiet l-ohra** tal-istess konvenuti u dan biss inkwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------